# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 2 t' Ottubru, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**[Spettur Yvonne Farrugia]**

**vs**

**Carmel Farrugia**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' Carmel Farrugia detentur tal-karta tal-identita bin-numru 209060M li gie akkuzat talli bhala ufficjal jew impjegat pubbliku :

F' Dicembru 2015 f' dawn il-Gzejjer in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f' utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom hu

ma kellux jedd, u l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew tal-offerta, kienet sabiex hu bhala ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel.

U b' hekk Carmel Farrugia sar recidiv a termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenzi moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f' kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikoli 532A, 532B u 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 14 ta' Lulju, 2016 (esebit a fol. 9 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet Finali prezentata mid-Difiza.

Rat is-Social Inquiry Report redatt mill-Probation Officer Maryrose Farrugia.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti speci ta' dan il-kaz jirrigwardaw ir-reat ta' korruzzjoni minn ufficjal jew impjegat pubbliku. Fit-3 ta' Frar 2016, il-Kummissarju tal-Pulizija rcieva ittra minghand Kevin Chircop, executive chairman tal-kumpanija

Enemed Company Limited tinforma li huwa rcieva informazzjoni minghand certu Jurgen Cassar, wiehed mix-xufiera, li allega li l-imputat kien ircieva xi flus minghand terzi biex jagevolahom[1].

Fl-udjenza tas-16 ta' Novembru 2016 l-Inginier Raymond Azzopardi (a fol 35 sa 39 tal-atti processwali), general manager tal-Engineering Resources Limited xehed li l-impjegati kollha tal-Engineering Resources Limited inkluz l-imputat kienu mpjegati mal-Enemalta Corporation. Fl-2014 l-impjegati gew trasferiti fuq il-kotba tal-Engineering Resources Limited, kumpanija governattiva izda d-dmirijiet tieghu l-imputat jaghmilhom ma' Enemed Company Limited. Mill-job history esebita jirrizulta li l-imputat huwa impjegat bhala assistant fuel dispatch officer[2].

Fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2017 Jurgen Cassar xehed (a fol 50 sa 58 tal-atti processwali) li minn Settembru 2005 sa Settembru 2016 kien impjegat ma' kuntrattur privat fejn xoghlu kien jikkonsisti filli jmur l-Enemalta bil-bowser tal-kuntrattur, jigbor invoice – li dak iz-zmien kienet tingabar minghand l-imputat - imur bil-fuel fil-petrol stations, jigbor ic-cekkijiet u jghaddihom lura lill-Enemalta. Fil-11 ta' Dicembru 2015 l-imputat qal lix-xhud li kellu jinghata envelope ghalih. Ix-xhud mar ghand Rizzo Service Station, Birkirkara fejn certu Duncan Rizzo tah envelope abjad bit-timbru ahmar ghall-imputat (a fol 23 tal-atti processwali). Ix-xhud ghelbitu l-kurzita u meta nduna li l-envelope kien fih flus ghamel rapport ma' Kevin Chircop u ta l-envelope lill-imputat. Xehed li l-envelope kien fih inqas minn €50. Fil-fehma tax-xhud dawn il-flus inghaddew lill-imputat sabiex l-

[1] Vide xhieda tal-Ispettur Yvonne Farrugia fl-udjenza tas-16 ta' Noembru 2016 a fol 17 sa 22 tal-atti processwali
[2] Vide wkoll l-employment history esebita minn Joseph Saliba in rapprezentanza ta' Jobsplus fl-udjenza tal-11 ta' Mejju 2017 (a fol 72 u 73 tal-atti processwali)

imputat jibda jaqdi ahjar lil Rizzo Service Station ghaliex gieli kien ihallihom minghajr fuel li kien ifisser telf ta' qliegh.

Fl-udjenza tas-6 ta' April 2017 Kevin Chircop, executive chairman ma' Enemed Company Limited ikkonferma (a fol 60 sa 66 tal-atti processwali) li l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-imputat saru minn Jurgen Cassar fit-3 ta' Frar 2016. L-imputat qatt ma kellu rapport simili fil-konfront tieghu izda kif sar ir-rapport mertu ta' dan il-kaz, l-imputat gie sospiz u saret kwerela (Dok. KC1 a fol 67 tal-atti processwali) mix-xhud in linea mal-Collective Agreement tal-kumpanija. In kontro-ezami xehed li hija prassi li fiz-zmien il-Milied il-haddiema jinghataw rigali minghand il-petrol stations.

Fl-udjenza tat-10 ta' Novembru 2017 l-Inginier Philip Borg, chief officer operations ma' Enemed Company Limited xehed (a fol 82 sa 92 tal-atti processwali) li l-petrol stations icemplu bl-ordni tal-fuel lid-dispatch officer li jiehu nota tal-ordni u jara fuq liema truck ikun ser jaghmilha biex jaghtih ix-xoghol l-ghada. Il-petrol stations ihallsu lill-kumpanija permezz ta' cekkijiet li jinghataw ix-xufiera. Fl-2016 waqt li kien fi triqtu lejn Birzebbugia kien waqqfu Jurgen Cassar li qallu li kien spicca minghajr xoghol. Jumejn qabel, l-imputat kien ilmenta mieghu dwar Jurgen Cassar ghaliex ma kienx ghamel il-vjagg li kellu jaghmel. Ix-xhud issuggerixxa lill-imputat li jsir rapport mal-imghallem ta' Jurgen Cassar ghaliex kien hemm diversi ilmenti dwaru u ghal din ir-raguni Jurgen Cassar tkecca mill-impjieg tieghu. Jurgen Cassar qallu li kien jaf hafna affarijiet dwar l-imputat u b' hekk ix-xhud u Jurgen Cassar marru ghand Kevin Chircop fejn Jurgen Cassar ghamel l-allegazzjonijiet fil-konfront tal-imputat. Ix-xhud spjega li gieli kellu lmenti dwar l-imputat ghaliex ma kienx seta jlahhaq mal-ordnijiet bin-numru limitat ta' xufiera li kellu. Fir-rigward ta' rigali kkonferma li fiz-zmien il-Milied bejn l-20 ta' Dicembru sa jumejn wara l-Milied il-petrol

stations jibaghtulhom xi rigali. Fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2019 ix-xhud ikkonferma (a fol 112 sa 115 tal-atti processwali) li fl-2015 l-imputat kien jithallas minn Energy Resources Limited.

Fl-udjenza tat-8 ta' Marzu 2019 xehed Adrian Pace, Commercial and Quality Manager mal-Enemed Corporation Limited (a fol 116 sa 120 tal-atti processwali) li xoghlu kien li jilqa l-ilmenti. Xehed li l-ilmenti minghand tal-petrol stations kienu jsiru ghaliex kienu jkunu jridu l-fuel minnufih.

Illi fl-istess udjenza William Rizzo (a fol 121 sa 128 tal-atti processwali) xehed li huwa kien jopera Rizzo Service Station f' Birkirkara u fl-2017 l-operat ghaddha f' idejn ibnu Duncan Rizzo. Xehed li lill-imputat kien jafu bhala dispatcher u kienu jcemplulu biex jordnaw il-bowser tal-fuel. L-imputat gieli dam ma baghtilhom il-fuel ghaliex kien ikun hemm ix-xoghol. Fil-hamsa u ghoxrin sena li ghamel jopera l-petrol station, l-operat waqaf darba biss ghaliex ma kienx intbatilhom il-fuel u kien inqala argument mal-imputat u kien tkellem ukoll mal-Inginier Philip Borg. Xehed li fiz-zmien il-Milied kienu jibaghtu xi rigal lill-haddiema u anke lid-drivers. Fiz-zmien tal-Milied ix-xhud kien jibghat €20 u gieli hamper. Il-flus kien jibaghthom mad-driver go envelope ta' Rizzo Service Station. L-ahhar darba li baghat rigali konsistenti f'€20 kien fil-Milied fl-2015 lill-imputat. L-envelope inghata lid-driver li kien impjegat ma' kuntrattur u sussegwentement kien spicca mill-impjieg tieghu.

Fl-udjenza tat-12 ta' April 2019 xehdet Miriam Micallef Sultana, Head fil-Licensing and Enforcement Unit mar-Regolatur ghall-Energija u s-Servizzi tal-Ilma (a fol 131 sa 135 tal-atti processwali). Ikkonfermat li l-awtorizzazzjoni ta' Rizzo Service Station inharget f' Jannar 2010 fuq

William Rizzo u fil-15 ta' Mejju 2016 inghaddiet fuq Duncan Rizzo u dan skont id-dokumenti esebiti a fol 136 sa 184 tal-atti processwali.

Illi fl-udjenza tal-10 ta' Jannar 2020 xehdet il-probation officer Maryrose Farrugia (a fol 190 sa 194 tal-atti processwali) li esebit Social Inquiry Report (Dok. MF1 a fol 195 sa 208 tal-atti processwali).

L-imputat irrilaxxja stqarrija fl-20 ta' April 2016 (a fol 27 sa 30 tal-atti processwali) fejn cahad li huwa qatt ircieva flus sabiex jagevola lil terzi persuni. Stqarr li huwa kien jircievi rigali biss fil-gimgha tal-Milied bhala apprezzament minghand tal-pompi. Fl-2016 fi zmien il-Milied kien ircieva envelope li tah Jurgen Cassar u kien fih €20 izda ma kienx jiftakar min kien bghatulu.

Ikkunsidrat:

Illi qabel ma jigu trattati l-akkuzi addebitati lill-imputat, il-Qorti ser tiddeciedi jekk l-istqarrija tal-imputat hijiex ammissibbli o meno u dan fid-dawl tal-fatt li meta ttiehdet l-istqarrija fl-2016, il-ligi Maltija ma kinitx tipprovdi ghad-dritt ta' assistenza legali matul l-interrogazzjoni. Mhux kontestat illi l-appellant inghata d-dritt li jikkonsulta mal-avukat tal-ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija. Id-Difiza targumenta li gjaladarba fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija l-ligi kienet ghadha ma tipprovdix ghal jedd illi l-avukat ikun prezenti fil-kors tal-interrogazzjoni, dan iwassal awtomatikament ghal vjolazzjoni kif imsemmi u konsegwentement ghall-inammissibbilita' tal-istqarrija tieghu bhala prova in atti.

Illi jinghad qabel xejn illi illum gew imfassla il-kriterji mill-Qorti Ewropeja dwar id-Drittijiet tal-Bniedem li ghandhom jigu ezaminati f' kull kaz ghalih

u dan anke fejn allura tezisti restrizzjoni generali fil-ligi dwar id-dritt tal-access ghall-avukat, bil-Qorti Ewropeja titbieghed mill-insenjament tramandat fil-kaz ta’ Salduz. Illi ghalkemm illum il-ligi penali nostrana giet emendata u dan sabiex jigi fis-sehh fil-ligi domestika d-dritt komunitarju fir-rigward u sabiex ukoll ir-restrizzjoni sistematika dwar id-dritt ghall-avukat jigi regolat, madanakollu fiz-zmien meta giet rilaxxjata l-istqarrija kien hemm dritt, ghalkemm wiehed iktar ristrett, tal-persuna suspettata biex tikkonferixxi mal-avukat tal-fiducja taghha fil-hin precedenti l-interrogatorju mill-pulizija. Dan b’ differenza mis-sitwazzjoni li kienet tezisti qabel is-sena 2010 fejn hemmhekk il-persuna suspettata kienet ghal kollox imcahda minn xi forma ta’ assistenza legali.

Fis-sentenza moghtija ricentement fil-31 ta’ Jannar 2020, il-Qorti tal-Appell Kriminal fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Salvu Briffa qalet:-

> Illi llum din il-Qorti fid-dawl tal-pronunzjamenti recenti moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem b’mod ewlieni dak ta’ Farrugia vs Malta li mexa fuq l-insenjament tramandat fil-kaz Bueze vs Belgium u Doyle vs Ireland ma tistax a priori tiskarta stqarrija ta’ persuna li tkun inghatat l-jedd tikkonsulta ma’ avukat qabel ma tigi interrogata, izda fejn l-avukat taghha ma kienx prezenti filwaqt tal-interogazzjoni, u dan ghaliex allegatament jista’ jkun hemm lezjoni tad-dritt taghha ghal smigh xieraq, billi kif mistqarr f’dawn il-pronunzjamenti kull kaz irid jitqies ghalih u allura jrid jigi mistharreg f’kull kaz individwalment jekk bil-fatt illi lpersuna akkuzata ma kellhiex l-avukat prezenti waqt it-tehid tal-istqarrija dan setax impinga fuq is-smigh xieraq iktar ‘il quddiem tul il-proceduri penali istitwiti kontra taghha.
>
> Din il-Qorti ma ghandhiex funzjonijiet kostituzzjonali u allura ma ghandhiex il-poter tistharreg jekk ikunx sehh lezjoni tad-dritt ta’ smigh xieraq jew jekk potenzjalment dan jistax isehh u dan f’kaz fejn xi forma ta’ assistenza legali tkun giet moghtija. Ma tistax il-

Qorti ta' kompetenza penali tiddeciedi a priori illi bil-fatt wahdu illi fiz-zmien li l-persuna akkuzata tkun giet interrogata ma kellhiex il-jedd ikollha l-avukat prezenti maghha dan awtomatikament kien vjolattiv tal-jedd taghha ghal smigh xieraq meta l-Qorti Ewropeja issa qed tidderigi il-qrati domestici jindagaw jekk il-proceduri fl-intier taghhom kenux gusti fil-konfront tal-akkuzat bit-test allura li irid jigi segwiet fuq zewg binarji u cioe':

1. the existence of compelling reasons for the right to be withheld;
2. the overall fairness of the proceedings.

Gie deciz hekk fil-kaz Bueze vs Belgium (para 120 – 130)[3]:

'In the light of the nature of the privilege against self-incrimination and the right to remain silent, the Court considers that in principle there can be no justification for a failure to notify a suspect of these rights. Where a suspect has not, however, been so notified, the Court must examine whether, notwithstanding this failure, the proceedings as a whole were fair. Immediate access to a lawyer able to provide information about procedural rights is likely to prevent unfairness arising from the absence of any official notification of these rights. However, where access to a lawyer is delayed, the need for the investigative authorities to notify the suspect of his right to a lawyer, his right to remain silent and the privilege against self- incrimination takes on particular importance (see Ibrahim and Others, cited above, § 273, and case-law cited therein).' ...

'the Court has indicated that account must be taken, on a case-by-case basis, in assessing the overall fairness of proceedings, of the whole range of services specifically associated with legal assistance: discussion of the case, organisation of the defence, collection of exculpatory evidence, preparation for questioning, support for an accused in distress, and verification of the

[3] Deċiża nhar id-9.11.2018 mill-Qorti Ewropeja għall-protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, applikazzjoni no. 71409/10.

conditions of detention (see Hovanesian v. Bulgaria, no. 31814/03, § 34, 21 December 2010; Simons, cited above, § 30; A.T. v. Luxembourg, cited above, § 64; Adamkiewicz, cited above, § 84; and Dvorski, cited above, §§ 78 and 108)'.

150. When examining the proceedings as a whole in order to assess the impact of procedural failings at the pre-trial stage on the overall fairness of the criminal proceedings, the following non-exhaustive list of factors, drawn from the Court's case-law, should, where appropriate, be taken into account (see Ibrahim and Others, cited above, § 274, and Simeonovi, cited above, § 120):

(a) whether the applicant was particularly vulnerable, for example by reason of age or mental capacity;
(b) the legal framework governing the pre-trial proceedings and the admissibility of evidence at trial, and whether it was complied with – where an exclusionary rule applied, it is particularly unlikely that the proceedings as a whole would be considered unfair;
(c) whether the applicant had the opportunity to challenge the authenticity of the evidence and oppose its use;
(d) the quality of the evidence and whether the circumstances in which it was obtained cast doubt on its reliability or accuracy, taking into account the degree and nature of any compulsion;
(e) where evidence was obtained unlawfully, the unlawfulness in question and, where it stems from a violation of another Convention Article, the nature of the violation found;
(f) in the case of a statement, the nature of the statement and whether it was promptly retracted or modified;
(g) the use to which the evidence was put, and in particular whether the evidence formed an integral or significant part of the probative evidence upon which the conviction was based, and the strength of the other evidence in the case;
(h) whether the assessment of guilt was performed by professional judges or lay magistrates, or by lay jurors, and the content of any directions or guidance given to the latter;

(i) the weight of the public interest in the investigation and punishment of the particular offence in issue; and
(j) other relevant procedural safeguards afforded by domestic law and practice.

L-istess prinċiplji ġew applikati fis-sentenza li laqtet lil pajjizna, Farrugia vs Malta fejn a bażi ta' dawn il-prinċipji l-Qorti kkonkludiet illi:

While very strict scrutiny must be applied where there are no compelling reasons to justify the restriction on the right of access to a lawyer, the Court, in the specific circumstances of the case, finds that having taken into account the combination of the various above- mentioned factors, despite the lack of procedural safeguards relevant to the instant case, the overall fairness of the criminal proceedings was not irretrievably prejudiced by the restriction on access to a lawyer.[4]

Illi kif inghad aktar il-fuq l-imputat ikkonsulta mal-avukat tal-ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija u kien abbilment assistit mill-avukat tieghu tul dawn il-proceduri. Inoltre, hemm provi u xhieda ohrajn li tressqu apparti din l-istqarrija, li jixhtu dawl fuq dak li sehh u fuq l-akkuzi addebitati lill-imputat. Meta din il-Qorti tiehu kont tal-provi li hemm fl-atti mhijiex tal-fehma li l-imputat sofra jew ser isofri xi pregudizzju irrimedjabbli billi fl-istadju li rrilaxxja l-istqarrija tieghu hu ma kellux l-avukat prezenti mieghu. Konsegwentement din il-Qorti tqis li l-istqarrija tal-imputat m'ghandhiex tigi skartata.

Ikkunsidrat:-

[4] Farrugia vs Malta, deċiża nhar l-4.6.2019 mill-Qorti Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem, Applikazzjoni no. 63041/13.

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat skont l-artikolu 115(1)(a) tal-Kodici Kriminali li jghid:

> Kull ufficjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tieghu, jitlob, jircievi jew jaccetta ghalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalihom huwa majkollux jedd, jehel, meta jinsab hati –
>
> (a) jekk l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew tal-offerta, ikun sabiex l-ufficjal jew impjegat jaghmel dak li hu fid-dmir tieghu li jaghmel, il-piena ta' prigunerija minn sitt xhur sa tliet snin.

Illi minn ezami tal-artikolu 115(1)(a) tal-Kodici Kriminali li jikkontempla r-reat ta' korruzzjoni jirrizulta illi l-elementi bazici li jridu jigu ippruvati huma essenzjalment erba' u cioe:

1. In-natura ufficjali jew pubblika ta' l-impieg tal-persuna ikkoncernata;
2. Li dik il-persuna irceviet jew accettat flus, jew xi rigal, jew weghda jew offerta u dawn ma ikunux dovuti skond il-ligi.
3. Li dana jkun sar in konnessjoni ma' l-istess kariga jew impjieg.
4. Li l-iskop ikun illi l-persuna taghmel jew ma taghmilx id-dmir tieghu

Fl-ewwel lok u tenut tal-akkuza addebitata lill-imputat, il-Qorti sejra tikkunsidra jekk fiz-zmien tal-akkuzi msemmija, l-imputat kienx ufficjal jew impjegat pubbliku hekk kif jitlob l-artikolu 115(1)(a) tal-Kodici Kriminal. L-Inginier Raymond Azzopardi xehed li l-impjegati kollha tal-Engineering Resources Limited inkluz l-imputat kienu mpjegati mal-Enemalta Corporation. Fl-2014 l-impjegati gew trasferiti fuq il-kotba tal-Engineering Resources Limited, kumpanija governattiva izda d-dmirijiet tieghu jaghmilhom ma' Enemed Company Limited. L-artikolu 28(5) ta' l-Att dwar

l-Enemalta, Kapitolu 272, kien jipprovdi: “ghandhom jitqiesu li huma ufficjali u impjegati pubblici skond it-tifsira tal-Kodici Kriminali”

Fis-sentenza il-Pulizija vs Lewis Sant deciza fis-6 ta’ Awissu 2019 inghad:-

> Izda fl-Att tal-2014 dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta’ Enemalta, Att XXXIV tal-2014, Kapitolu 536 talLigijiet ta’ Malta, li *inter alia* “iħassar l-Att dwar l-Enemalta u biex jipprovdi għal ħwejjeġ anċillari jew konnessi ma’ dan.”, ma tinsab l-ebda disposizzjoni simili.
>
> Mhux talli hekk izda l-Att il-gdid, minghajr distinzjoni specifikatament jipprovdi ghall-kuntrarju u cioe` li mad-dhul fis-sehh tal-Att l-impjegati tal-Enemalta saru w kellhom jitqiesu li dejjem kienu impjegati ma Engineering Resources Ltd., deskritta fl-istess Att bhala “(kumpannija pubblika b’responsabbiltà limitata rreġistrata skont il-liġijiet ta’ Malta) u li għandha n-numru ta' reġistrazzjoni ta' kumpannija C 65835”.
>
> L-artikolu 4 ta’ dan l-Att jipprovdi:
>
> 4. (1) Minkejja d-dispożizzjonijiet ta’ kull liġi oħra, il-persuni kollha impjegati fil-Korporazzjoni minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan l-artikolu għandhom, mad-dħul fis-seħħ ta’ dan lartikolu, jiġu trasferiti u jsiru impjegati ta’ Engineering Resources Ltd bis-saħħa ta’ dan l-artikolu u mingħajr il-bżonn ta’ kwalunkwe formalitajiet oħra.
>
> (2) Engineering Resources Ltd għandha tieħu l-jeddijiet u l-obbligi kollha li l-Korporazzjoni kellha lejn l-impjegati qabel it-trasferiment tal-impjegati bis-saħħa ta’ dan l-artikolu u kull wieħed minn dawn l-impjegati għandu, għall-finijiet u l-għanijiet kollha ta’ kwalunkwe liġi, jitqies li kien impjegat ta’ Engineering Resources Ltd mid-data li fiha huwa ġie impjegat mal-Korporazzjoni, u kull wieħed minn dawn l-impjegati għandu, għall-finijiet u l-għanijiet kollha ta’ kwalunkwe liġi jkompli jgawdi l-

istess jeddijiet u kundizzjonijiet li kellu minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta’ dan lartikolu, inkluż iżda mhux limitat għad-drittijiet tal-pensjoni jew drittijiet relatati mal-kalkolu ta’ kwalunkwe pensjoni jew ta’ kwalunkwe servizz pensjonabbli taħt l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet jew ta’ kwalunkwe liġi oħra.

Ghalkemm l-artiklu 4(2) jitkellem dwar “jeddijiet u kundizzjonijiet”, evidentement riferenza ghall-kundizzjonijiet t’impjieg, bl-ebda mod ma jista’ jitqies li l-fatt li tkun meqjus bhala ufficjal pubbliku hija xi kundizzjoni. Anzi pjuttost hija kwalifika oneruza ghall-ahhar;

Kif gie kjarifikat li tali impjegati kellhom ikomplu jgawdu drittijiet relatati mal-pensjoni u servizz pensjonabbli taht l-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet, Kapitolu 93 tal-Ligijiet ta’ Malta, li tirrigwarda persuni fis-servizz pubbliku ta’ Malta, hekk kellu jsir ukoll rigward jekk dawn l-impjegati kellhomx jibqghu jitqiesu bhala ufficjali u impjegati pubblici; id-dicitura tal-Artikolu 4(2) tal-Att izda tipprovdi li impjegat tal-Enemalta issa kellu “jitqies li kien impjegat ta’ Engineering Resources Ltd mid-data li fiha huwa ġie impjegat mal-Korporazzjoni”.

Fil-fatt fl-Att dwar l-Amministrazzjoni Pubblika, jipprovdi: “"impjegat pubbliku" tinkludi uffiċjali pubbliċi u impjegati ta’ aġenziji tal-Gvern u entitajiet tal-Gvern”;“"kariga pubblika" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bl-artikolu 124 tal-Kostituzzjoni u għandha wkoll, għall-finijiet ta’ dan l-Att, tinftiehem li tfisser kull grad jew pożizzjoni ħlief dawk imsemmija fissubartikolu (2)(a)”; u “"servizz pubbliku" għandha l-istess tifsir mogħti lilha bil-Kostituzzjoni, iżda għallfinijiet ta’ dan l-Att għandha tinftiehem skont is-subartikolu (2)”. Fih ma ssir l-ebda riferenza ghal dawn l-impjegati, li hekk kif saru kkunsidrati impjegati ma kumpanija privata necessarjament gew eskluzi mill-applikabbilita` ta’ dan l-att.

Illi gja la darba l-imputat ma jirrizultax li huwa impjegat pubbliku, ma jistax jirrizulta ir-reat ta’ korruzzjoni taht l-Art. 115 tal-Kodici Kriminali.

Izda anke li kieku l-imputat kien jaqa' bhala impjegat pubbliku, mill-provi ma jirrizultax li l-imputat accetta l-€20 sabiex jagevola lil Rizzo Service Station. Hekk kif gie kkonfermat minn William Rizzo, l-€20 intbaghtet lill-imputat biss bhala rigal tal-Milied bhal rigali ohra li kienu jinghataw lill-management u anke lix-xufiera f'dan il-perjodu.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti tieghu u konsegwentement tilliberah mill-istess imputazzjonijiet.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur